"Tajba din, irrid flusi lura!" qallu sod sod Ronald Mallia-Cassar. Hawnhekk, l-għalliema, li kienu għaxra, bdew jgħidulu, bħallikieku, imma ma tgħallimt xejn, ma daħħalt xejn f'moħħok, xejn, proprju xejn? Fi ftit kliem, mistoqsijiet f'dan is-sens.

"Xejn, xejn," weġibhom, "u rrid il-flus li ħallast hawnhekk lura." Ir-rettur issa dar fuq l-għalliema, u talabhom biex jagħmlu xi mistoqsijiet, anke elementari, ħalli jaraw kif, u jekk hux veru li dan ma tgħallem xejn f'kulleġġ speċjalizzat, ta' fama bħalma hu San Erardu.

U kollha bdew jistaqsuh. Beda tal-Latin, li rċieva tweġiba banali. Ta' l-Ingliż, tat-Taljan, l-istess. Ta' l-istorja ħareġ b'mistoqsija li ebda Malti ma jiżbalja: "Meta kien sar l-Assedju tat-Torok. Jew aħjar: meta sar l-Assedju tal-Maltin mit-Torok?"

"Assolutament ma nafx, tistaqsunix. Ma nafx...," kienet it-tweġiba. Kollha, l-għalliema kollha, intefgħu biex jistaqsuh xi mistoqsija u jweġibhom l-istess, li ma jafx.

Fl-aħħar, b'sinjal b'rasu, l-għalliem tal-matematika, wera li jrid ikellmu hu. U l-oħrajn ħallewh, forsi aktarx b'kurżità ħalli jaraw biex ħiereġ. U dan beda.

"Sur Mallia-Cassar, taf li talanqas lili, ikkonvinċejtni li għandek raġun. Għidli ara, kemm qed tippretendi?"

"Ara," hawn ħatfu fil-kelma Mallia-Cassar ... "Nibdew: mitejn lira kull term għal ħames snin ... u bejn kontribuzzjonijiet ... u dan ..."

"U le mhux hekk ... Irridu ċ-ċifra sewwa aħna. Ara, hawn ħa din il-karta u għandek din il-*biro* ... Niżżel eżatt dak li trid, għodd kollox."

Mallia-Cassar qabad il-karta, u beda jgħid u jniżżel: "200 lira għal tliet terms, 600 lira, u għal ħames snin dawn iġibu 3000 lira, u extras qisu għoxrin lira kull term – sittin lira, u għal ħames snin iġibu 300 lira ... It-total ġieni tlett elef u tliet mitt lira ..."

"Prosit tassew," qallu l-għalliem tal-matematika. "Mela għallimniek xi ħaġa, talanqas, għallimniek tagħmel is-somom. Tridx titlaq 'il barra minn hawn ..."

---

# Afrika

Hemm l-arti fik, saħħara tal-pjaneta
Idejk isellmu 'l-għodwa tax-xemx tielgħa,
dirgħajk jilqgħu 'l-irjieħ deħlin sa ġewwa,
għajnejk jogħlew fis-sema jfittxu l-qofol
sakemm jarawh jinħall bit-talb u t-tama.
Saqajk ma jistriħux u jiżfnu dejjem
ma' l-għanja tal-buffuri, mat-tħaxwixa
li titla' sa l-għoljiet u tħuf fl-imsaġar,
il-knejjes li mill-għoli tiegħu Alla
jagħżilhom biex jistrieħ 'il bogħod mill-bqija.
Il-vibrazzjonijiet ta' qalbek wiesgħa
jinstemgħu f'kulma tagħmel, tiżfen, tgħanni,
tixxennaq, titlob, toħlom u tistenna
li ruħek darba tqum u tmexxi dinja.
Il-ħażna tiegħek m'hix fil-ġid ta' issa,
hemm fik żerriegħa ġdida li trid tinbet,
hemm ruħek li timmarka l-istaġuni,
ir-ruħ ta' dil-pjaneta kollha t'għada.

Is-sebħ u l-weġgħa tiegħek ħaġa waħda,
int waħda biss li tgħanni, waħda tokrob.
Ġidek ma jinħażinx fil-ġarar tagħna,
jinġabar f'qalb li tnixxi d-demm u xorta
b'taħbita fissa lejl u nhar tistenna.
Din l-għodwa sseħħ għax hemm miktub fuq ġbinek,
hemm fuq ġenbejk u hemm fuq qalbek beraħ.
Hemm l-arti fik biex tkellem 'l-istaġuni,
u biha tkellem lill-ħaxix u 'l-bhejjem,
u l-kelma tiegħek waħda: poeżija,
il-kelma t'Alla lil uliedu kollha.
Mistur xi mkien fi ħdanek il-ħolm tiegħek,
itir mar-riħ fir-ramel tad-deżerti,
jistenna l-waqt li jkaxkar dinja miegħu.
Riesaq il-ħin u d-dinja kollha tħares
tissemma' r-ritmu tiegħek, fantasija
għal dir-raġuni xiħa, mnikkta tagħna.
Il-weġgħa tiegħek tagħna, kull miraklu
li joħroġ minnek se jagħmilna wliedek,
imsaħħra bik, midjuna lejk, sa fl-aħħar.
Qalbek għajjiena ma tegħjiex ittektek
u żżomm pjaneta sħiħa ttektek magħha.
Hemm Alla ħdejk fil-ferħ u fid-duluri,
u f'ismu nħallsu d-dejn għalik, omm ħelwa,
sakemm bid-dejn skontat niddejnu aħna.

***Oliver Friggieri***